MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 16/2008

Carmel u Carmen konjugi Attard

Vs

Tarcisio u Maria Victoria konjugi Azzopardi

Il-Qorti,

**Kawza ta’ ritrattazzjoni ghar-raguni li r-ritrattandi jsostnu li s-sentenza applikat il-ligi hazin (Artikolu 811(e) tal-Kap. 12) – Terminu sabiex isiru proceduri ta’ ritrattazzjoni huma ta’ natura perentorja – Nuqqas ta’ ritrattand li jappella mis-sentenza li hi l-mertu tal-proceduri ta’ ritrattazzjoni.**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-3 ta’ Marzu 2008 tal-atturi fejn ippremmettew li:-

Fil-kawza fl-ismijiet **Tarcisio Azzopardi et vs Carmel Attard et** (Cit. nru: 24/2003), ir-ritrattati kienu ppremettew

li b'kuntratt li sar fil-25 ta' Marzu 2002 fl-atti tan-nutar Dr. Paul George Pisani kienu xtraw porzjon mill-art li tinsab fi Triq l-Ghar ta' Xerri, fix-Xaghra, Ghawdex bil-kejl ta' circa sebgha mija u ghaxar metri kwadri (710m.k.) li tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Anna Farrugia, nofsinhar mat-triq u mill-punent ma' beni tal-konvenut Carmel Attard (Dok A) u li riedu jibnu hajt divizorju fuq il-linja medjana. Talbu ghalhekk lill-Qorti sabiex:-

1. Tiffissa u tistabilixxi l-linja divisorja ta' bejn l-art fuq deskritta propjeta' tal-atturi u l-art adjacenti propjeta' tal-konvenuti.
2. Tawtorizza lill-atturi sabiex jipprocedu bil-bini tal-hajt divizorju fuq din il-linja u b'dawk il-modalitajiet kif jigu stabbiliti mill-Qorti u taht is-supervizjoni ta' perit mahtur ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti.

Min-naha taghhom ir-ritrattandi eccepew li:

1. Preliminarjament l-intempestivita' ta din il-kawza ghaliex ta' ostaklu ghal din l-azzjoni hemm ic-citazzjoni numru 157/2000 pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell li tirrigwarda propju bicca art ta' forma triangolari li giet erorjament inkluza fl-art li akkwista l-attur izda li effettivament kellha tkun tal-konvenut;
2. Preliminarjament ukoll darba li l-atturi huma konxji bl-ostakli huma ghandhom ibatu l-ispejjes ta' din il-gudizzju;
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, darba li jkun hemm ezitu ghal kawza fl-ismijiet premessi ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghat-talbiet attrici.

B'sentenza tas-7 ta' Novembru 2007 dina l-Onorabbli Qorti ddeciediet billi:-

a. Tiddikjara illi l-linja divisorja bejn l-art deskritta fic-citazzjoni propjeta' ta' l-atturi u l-art adjacenti propjeta' tal-konvenuti, hija dik immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok JM1 annessa mar-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Mizzi; u

b. Tawtorizza lill-atturi sabiex jipprocedu bil-bini tal-hajt divisorju fuq din il-linja hekk stabbilita u dana taht is-supervizzjoni ta’ l-istess perit tekniku.

Illi r-ritrattandi jsostnu li hemm lok ghar-ritrattazzjoni tal-kawza skond l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 fis-sens li s-sentenza applikat il-ligi hazin. Ghalhekk ir-ritrattandi talbu lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tordna r-rexxisjoni u thassir tal-imsemmija sentenza a bazi tal-artikolu 811(e) tal-Kap 12 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.
2. Tordna r-ritrattazjoni tal-imsemmija kawza.

Rat ir-risposta prezentata fil-11 ta’ April 2008 (fol. 17) mir-ritrattatti li permezz taghha eccepew:-

1. It-talbiet tar-ritrattandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
2. Fl-ewwel lok, kull dritt li seta’ kellhom ir-ritrattandi li jitolbu ritrattazzjoni hu milqut bil-perjodu ta’ dekadenza ta’ tlett (3) xhur skond l-artikolu 818(l) tal-Kap. 12, ghaliex il-kawza giet prezentata biss fit-3 ta’ Marzu 2008, kwazi erbgha (4) xhur wara d-data tas-sentenza originali.
3. Sabiex tinghata ritrattazzjoni ta’ kawza fuq il-premessa li s-sentenza relattiva tkun applikat il-ligi hazin huwa necessarju li r-ritrattand jindika liema hi d-disposizzjoni tal-ligi li kellha tigi applikata. L-atturi ma kkonformawx ruhhom ma’ dan ir-rekwizit.
4. Fis-sentenza li taghha qeghda tintalab ritrattazzjoni, ma hemmx applikazzjoni hazina ta’ ligi, anke ghaliex is-sentenza hi limitata ghal konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet ta’ fatt; u ghaliex fejn jista’ jinghad li s-sentenza applikat xi disposizzjonijiet ta’ ligi applikat il-provvediment korrett.
5. Ir-ritrattati jsostnu li din il-procedura hi abbuz flagranti tal-ligi tal-procedura min-naha tal-attur. Ic-citazzjoni numru 24/2003 kienet il-kulminu ta’ sensiela shiha ta’ kawzi rigward l-art li tifforma triangolari li r-ritrattandi jsostnu li kienet inxtrat minnhom u li nghataw id-dettalji taghhom fir-risposta guramentata.

Rat l-atti kollha nkluz dawk tal-kawza fl-ismijiet inversi (Cit. nru: 24/2003) deciza fis-7 ta' Novembru 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Gunju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

a. Permezz ta' kawza fl-ismijiet **Tarcisio Azzopardi et vs Carmel Attard et** (Cit. nru: 157/2000), l-atturi (illum ritrattati) talbu sabiex il-Qorti tistabilixxi l-linja divizorja bejn art proprjeta' tal-atturi u art proprjeta' tal-konvenuti, u biex tawtorizza lill-atturi jibnu hajt divizorju fuq il-linja medjana.
b. Permezz ta' sentenza li nghatat fis-7 ta' Novembru 2007, il-Qorti ddecidiet:-
***"1. Tiddikjara illi l-linja divizorja bejn l-art deskritta fic-citazzjoni proprjeta' ta' l-atturi u l-art adjacenti proprjeta' tal-konvenuti, hija dik immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok. JM1 annessa mar-relazzjoni tal-perit tekniku Joseph Mizzi; u***
***2. tawtorizza lill-atturi sabiex jipprocedu bil-bini tal-hajt divizorju fuq din il-linja hekk stabilita u dana taht is-supervizjoni ta' l-istess perit tekniku."***.
c. Mis-sentenza ma sarx appell.
d. Fit-3 ta' Marzu 2008, Carmel u Carmen konjugi Attard ipprezentaw talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fuq il-bazi tal-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

2. Ir-ritrattati qeghdin isostnu li l-procedura ta' ritrattazzjoni saret *fuori termine*. Skond l-Artikolu 818(1)(d) tal-Kap. 12, talba ghal ritrattazzjoni ghar-raguni li s-sentenza applikat il-ligi hazina trid issir fi zmien **tlett xhur minn dakinhar tas-sentenza**. Terminu perentorju (Artikolu 819) u sahansitra jimxi wkoll kontra l-minuri u l-interdetti. M'hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz il-procedura ta' ritrattazzjoni ma saritx fiz-zmien stipulat in kwantu:-

(a) Il-kawza li taghha qeghda tintalab ir-ritrattazzjoni giet deciza b'sentenza li nghatat **fis-7 ta' Novembru 2007**;
(b) Il-procedura taht l-Artikolu 811 tal-Kap. 12 saret **fit-3 ta' Marzu 2008**;

Kif gie osservat fil-kawza **Can. Francesco Azzopardi – vs- Francesco Galea**, Appell Kummercjali, 17 ta' Frar 1876 (**Vol VII pag 526**), *"il termine di sei mesi* (illum, tliet xhur) *accordato dalla legge per domandare la ritrattazione di una sentenza, e` termine per agire; e quindi il suo trascorrimento importa la decadenza, ove entro lo stesso non si fosse proposta la domanda; e quindi ancora tale termine non e`, come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione"*[1].

Ghalhekk fuq din il-bazi biss l-azzjoni tar-ritrattandi tfalli.

3. Bla pregudizzju u f'kull kaz il-procedura tfalli wkoll in kwantu:-

(a) L-Artikolu 812 tal-Kap. 12, provvediment ta' ordni pubbliku, jipprovdi:-

> **812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell.

Ir-ritrattandi ghal raguni li jafu huma biss naqsu milli jappellaw mis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2007. Ma jistghux ghalhekk jirrikorru ghall-procedura ta' ritrattazzjoni, li hi procedura ta' natura straordinarja, sabiex jipprovaw jirrimedjaw ghan-nuqqas taghhom. Il-procedura ta' ritrattazzjoni minn sentenza tal-ewwel grad m'ghandix tiehu post l-appell fejn parti thossha aggravata bis-sentenza li tkun inghatat mill-ewwel qorti.

[1] Riferenza ttiehdet mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Said International Limited vs MAC Limited et** deciza fis-7 ta' Lulju 2003.

M'hemmx dubju li bhala parti fil-kawza r-ritrattandi hadu sehem attiv, u zgur ma jistghux jargumentaw li saru jafu..... *"bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni,* ***wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell.****"*. Il-fatti li minhabba fihom qeghdin jitolbu r-ritrattazzjoni jirrizultaw mis-sentenza. Ghalhekk mal-ghoti tas-sentenza r-ritrattandi kienu jafu bl-imsemmija fatti.

(b) Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mir-ritrattandi ddikjaraw li l-Qorti kellha tapplika l-Artikolu 325 tal-Kodici Civili li jipprovdi: *"Kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u li jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma' xulxin."*. Komplew isostnu li *"Ghalhekk minflok applikat id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Civili fis-sentenza attakkata, l-Qorti strahet fuq gudizzju taghha stess, li huwa kompletament estraneu ghall-kwistjoni kollha u fuq l-ezitu ta' kawza li r-risoluzzjoni taghha kienet ibbazata fuq disposizzjoni tal-ligi ben diversi minn dawk li kellha tapplika l-Qorti f'dan il-kaz."* (fol. 30). Il-Qorti tistqarr li fis-sentenza tas-7 ta' Novembru 2007 m'hijiex tirravviza xi applikazzjoni hazina ta' ligi, li r-ritrattandi stess jirrikonoxxu li ssehh meta *"...l-gudikant ikun applika ligi minflok ohra li tapplika ghal-kaz li ghandu quddiemu."* (fol. 28[2]). Fis-sentenza stess il-Qorti ddikjarat li r-ritrattati kienu qeghdin jezercitaw l-*actio finium regundorum*, u cioe ***"...l-kawza biex jigu delimitati l-konfini bejn zewg proprjetajiet kontingwi."*** (fol. 4 tas-sentenza). Sahansitra hu maghruf li f'kaz ta' ritrattazzjoni bazata fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12, *"Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin."* (**Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Gunju 1994). Jidher li l-qorti waslet ghad-decizjoni finali wara li qieset il-kejl li kellhom

[2] Nota ta' sottomissjonijiet tar-ritrattandi.

iz-zewg porzjonijiet art tal-kontendenti, anke b'riferenza ghall-kawza ohra. Kull ma ghamlet il-Qorti kienu konsiderazzjonijiet u konkluzjonjiet ta' fatt. F'din il-procedura ta' ritrattazzjoni m'huwiex l-iskop li ssir xi indagni dwar jekk l-apprezzament li ghamlet il-qorti biex waslet ghal decizjoni finali, kienx korrett jew le.

Ghal dawn il-motivi l-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ndikati bin-numri wiehed (1), tnejn (2) u erbgha (4) u r-raguni l-ohra moghtija f'din is-sentenza, tichad it-talbiet kollha tar-ritrattandi.

Spejjez kollha a karigu tar-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------